MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Talba Numru. 1397/2005

**Mobisle Communications Limited C24655**

**Vs**

**George Camilleri**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mija u sitta u tletin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm136.84c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut skond Client Contract Number 8563 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Lulju 2004 u Settembru 2004.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali tat-30 t'April, 2005, dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba, dawk ta' l-Ittra

Ufficjali lil banek relattiva ghall-imsemmi Mandat, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenut George Camilleri, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Sema’ lill-PL Peter Sammut jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u sitta u tletin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm136.84c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------